**KULLEĠĠ SAN NIKOLA**
**EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA – LIVELL PRIMARJU**
Frar 2012

Is-Sitt Sena  L-ISTUDJI SOĊJALI  Il-Ħin: Siegħa u Kwart

Marka Totali

L-Isem: ____________________________ Il-Klassi: __________

**A. Qabbel il-MEZZI TA' KOMUNIKAZZJONI mad-deskrizzjoni tagħhom billi tikteb numru fil-kaxxi l-vojta. L-ewwel waħda lesta:**

(10 marki)

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | lingwa | | Taqraha biex issegwi x'inhu jiġri f'Malta u madwar id-dinja. |
| 2 | telefown | | Fuqu tista' tara programmi, kartuns u dokumentarji. |
| 3 | mowbajl | | Jagħmlu xi ħadd biex iħajjar lin-nies jixtru. |
| 4 | gazzetta | | Tiktibha u tibgħatha bil-posta. |
| 5 | televixin | | Tużah biex iċċempel u tkellem lil xi ħadd. |
| 6 | radju | | Taqrah għall-gost jew biex tistudja minn fuqu. |
| 7 | internet | 1 | Nitkellmu biha. |
| 8 | imejl | | Fuqu tisma' xi programm, diski u anke aħbarijiet. Ħafna jixegħluh fil-karozza. |
| 9 | ktieb | | Tista' tużah biex iċċempel jew tibgħat SMS. |
| 10 | reklam | | Tibgħatha permezz tal-internet minflok ittra. Ħadet ħafna post l-ittra. |
| 11 | ittra | | Tużah biex tfittex xi stampi, informazzjoni, tibgħat imejl u tiċċettja. |





## B. IŻ-ŻMIEN PRE-ISTORIKU

**(i) Aqra dawn is-sentenzi dwar L-EWWEL NIES F'MALTA u ikteb VERU jew FALZ ħdejn kull waħda:** (5 marki)

1) L-ewwel bnedmin li waslu Malta kienu rġiel biss.
2) Huma ma kinux jafu jiktbu.
3) Għalkemm kienu jitkellmu, ma nafux b'liema lingwa.
4) Minbarra għodod, huma kellhom ukoll xi armi.
5) L-għodda tagħhom kienet magħmula mill-ħadid.

**(ii) Aqra din is-silta dwar fejn marru joqogħdu L-EWWEL NIES F'MALTA u agħżel it-tajba mill-kliem fil-parentesi:** (5 marki)

L-ewwel nies f'Malta marru joqogħdu f'xi (għerien, għelieqi, appartamenti). Ġewwa (Buġibba, Baħrija, Birżebbuġa) nsibu Għar Dalam, li kien wieħed mill-postijiet fejn marru joqogħdu dawn in-nies. Minbarra fdalijiet li ħallew warajhom l-ewwel bnedmin li għexu f'Malta, ġewwa Għar Dalam instabu wkoll fdalijiet ta' (ikel, annimali, tempju). Fiż-Żebbiegħ instabu fdalijiet f'post imsejjaħ (Skorba, Ħerba, Xewkija). F'dan il-post instab ħafna (injam, ħadid, fuħħar).



**(iii) Aqra s-sentenzi u imla l-vojt mill-kliem fil-kaxxa:** (10 marki)

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| ir-Ram | il-Pre-Istorja | il-Ħaġar | il-Bronż | l-Imqades |

1) Żmien ____________________ jfisser iż-żmien meta l-bniedem ma kienx jaf jikteb.
2) In-nies li bnew postijiet bħall-Imnajdra, il-Ġgantija u Ħaġar Qim insejħulhom nies ta' Żmien ____________________ jew ta' Żmien ____________________.
3) In-nies ta' Żmien ____________________ ma bnewx imqades.
4) In-nies li l-għodda tagħhom kienet magħmula mill-ġebel insejħulhom nies ta' Żmien ____________________.

**Ċ. Ħares sew lejn il-MAPPA TAL-MEDITERRAN.**




**(i) Niżżel in-numru skont il-pajjiż. L-ewwel waħda lesta:** (10 marki)

| *Pajjiż:* | *Numru:* | *Pajjiż:* | *Numru:* |
|---|---|---|---|
| Is-Sirja | 0 | l-Eġittu | |
| Spanja | | Il-Marokk | |
| L-Italja | | L-Alġerija | |
| Franza | | It-Tuneżija | |
| Il-Greċja | | Il-Libja | |
| It-Turkija | | | |

**(ii) Fuq l-istess mappa hemm immarkati l-ittri A, B, Ċ, D, E u F bi vleġġa. Fit-tabelli t'hawn taħt niżżel l-ittra ħdejn l-isem tal-gżira u tal-fetħa li qiegħda timmarka l-vleġġa.** (10 marki)

| *Gżira:* | *Ittra* |
|---|---|
| Kreta | F |
| Sardenja | |
| Sqallija | |

| *Fetħa:* | *Ittra* |
|---|---|
| Il-Fliegu ta' Ġibiltà | |
| Il-Kanal ta' Swejz | |
| Id-Dardanelli | |

**(iii) Wieġeb dawn il-mistoqsijiet:**

1. Dawn il-gżejjer mhumiex indipendenti bħalma hi Malta iżda jagħmlu ma' xi pajjiż ieħor. Ma' liema pajjiż jagħmlu dawn il-gżejjer?

Korsika ______________ Gżejjer Baleariċi ______________ (2 marki)

2. Il-gżejjer ewlenin tal-arċipelagu Malti huma Malta, Għawdex u Kemmuna. Semmi żewġ gżejjer oħra li huma parti mill-arċipelagu.

____________________ ____________________ (2 marki)

3. F' liema pajjiż irrid immur biex nara

a) L-Akropoli b) Il-Bażilika ta' San Pietru

a) ________________ b) ________________ (marka)





**D. (i) Il-BLAT TA' MALTA fih ħames saffi. Ikteb liema hu s-saff skont is-sentenza:** (10 marki)

1. Blat artab li minnu jsiru oġġetti tal-fuħħar bħal vażuni:

   ______________________



2. Blat iebes ħafna li jinsab fuq nett tas-saffi:

   _____________________

3. Blata ratba iżda b'saħħitha, tant li nużawha biex nibnu d-djar biha:

   ______________________

4. Blat iebes ħafna li nsejħulu wkoll Qawwi t'Isfel:

   ______________________

5. Blata ħamranija li titfarrak malajr u tintuża għall-ħitan tas-sejjieħ:

   ______________________

**(ii) Kompli dawn is-sentenzi b'kelma waħda biss:** (5 marki)

1. Il-blat ta' Malta ġie ffurmat kollu kemm hu taħt il-____________.
2. Il-____________ huma fdalijiet ta' ħxejjex u annimali tal-baħar li nsibu fil-blat ta' pajjiżna.
3. Meta l-blat tagħna kien qiegħed jifforma l-ħlejjaq tal-baħar li nqabdu fil-ħama u s-sediment kienu jgħixu bejn 5 u 30 ___________ sena ilu.
4. Ġeneralment dawn il-fossili li nsibu huma l-partijiet ibsin tal-annimal bħal qxur, snien u ____________ li nqabdu fil-blat.
5. Rizzi, stilel tal-baħar, arzell, bebbux, qroll, snien tal-klieb il-baħar, kif ukoll irkiekel tad-__________ tad-dniefel u tal-baleni huma tipi differenti ta' fossili li nsibu fil-blat tagħna.





**E. Bliet u Rħula. Imla l-vojt bil-kliem t'hawn taħt:** (10 marki)

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| *ristoranti* | *storbju* | *tipparkja* | *għelieqi* | *skejjel* |

1. Fil-bliet ħafna toroq huma traffikużi għalhekk dawn jikkawżaw ħafna __________ u tniġġis tad-dħaħen.
2. F'ċertu bliet u rħula saret ukoll problema biex issib fejn __________.
3. Fil-bliet u l-irħula ssib djar, appartamenti, ħwienet, uffiċini, banek u __________.
4. F'Tas-Sliema u San Ġiljan naraw bini għoli, lukandi, ħwienet lussużi, kif ukoll __________ u ħafna postijiet ta' divertiment.
5. Fl-imgħoddi l-irħula kienu mdawrin bl-__________, iżda ħafna minnhom spiċċaw ittieħdu għall-bini.





**F. Qabbel l-ewwel parti mat-tieni parti biex tkompli s-sentenzi. L-ewwel waħda lesta.** (5 marki)

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | L-Imdina, ir-Rabat, il-Mellieħa u ċ-Ċittadella | | iservu bħala portijiet għad-dgħajjes u l-vapuri. |
| 2 | L-Irdum ta' Ħad-Dingli f'Malta u ta' Ċenċ f'Għawdex | | biċ-ċaqliq tal-art kif ukoll bis-saħħa tal-ilmijiet. |
| 3 | Il-widien fondi li għandna f' Malta u Għawdex iffurmaw | | huma eżempji ta' blat għoli li jinżel dritt għall-baħar. |
| 4 | Bil-qawwa tal-mewġ, tax-xita u tar-riħ mal-medda taż-żmien | 1 | huma mibnija fuq għoljiet bil-quċċata ċatta. |
| 5 | Għajn Tuffieħa, il-Ġnejna, l-Għadira u r-Ramla l-Ħamra | | xquq fil-blat madwar il-kosta kibru u ffurmaw għerien. |
| 6 | Id-daħliet madwar il-kosta li huma kennija mill-maltemp | | huma eżempji ta' bajjiet imrammla. |

**Ġ. Fl-imgħoddi f'Malta kien hawn aktar kampanja, imma l-affarijiet inbidlu xi ftit. Aqra sewwa dawn li ġejjin u agħżel bejn veru jew falz. Immarka (✓) fil-kolonna t-tajba:** (5 marki)

| | | Veru | Falz |
|---|---|---|---|
| 1 | Il-bidwi kien jgħix mal-familja tiegħu fir-razzett qalb ir-raba'. | | |
| 2 | Fil-parti ta' taħt imsejħa l-maqjel kienu jinżammu l-bhejjem. | | |
| 3 | Il-ħitan tas-sejjieħ huma mibnija minn ġebel ta' daqs wieħed bit-tajn u s-siment. | | |
| 4 | Biex il-ħamrija ma tintilifx bix-xita u bir-riħ, inbnew il-ħitan tas-sejjieħ. | | |
| 5 | Il-girna hija kamra tonda mibnija bil-ġebel tas-sejjieħ. | | |
| 6 | Fil-ħitan tas-sejjieħ jgħixu għadd kbir ta' ħlejjaq bħall-gremxul, xaħmet l-art, lifgħat u sriep. | | |
| 7 | Fil-kampanja Maltija diffiċli li naraw pjanti selvaġġi. | | |
| 8 | Faċli ssib ħafna ċentri ta' ħwienet fil-kampanja Maltija. | | |
| 9 | Illum ħafna bdiewa għadhom jużaw il-ħmar jew il-bagħal biex jaħartu l-għalqa. | | |
| 10 | Fil-kampanja tagħna tgawdi l-arja friska u tara veduti sbieħ tar-raba' jħaddar fil-widien. | | |



**G. Imla l-vojt bl-isem tal-post f' Malta u f' Għawdex. L-ewwelwaħda lesta.** (10 marki)



| | | |
|---|---|---|
| Eż. | Belt tal-qedem imdawra bis-swar u li qiegħda viċin ħafna ta' Domus Romana. | Imdina |
| 1 | L-ajruport internazzjonali ta' Malta. | |
| 2 | Raħal fuq għolja qrib il-baħar, viċin tal-akbar bajja mrammla u riserva naturali. | |
| 3 | Belt fil-Port il-Kbir b'jott marina. Fit-tarf tagħha hemm il-Forti Sant' Anġlu. | |
| 4 | Lokalità faċċata tal-baħar u fil-port ta' Marsamxett b' ħafna ħwienet u lukandi. | |
| 5 | Raħal qrib il-Buskett li kiber ħdejn il-belt il-qadima ta' Malta. | |
| 6 | Il-belt ewlenija ta' Malta li ġiet imsemmija għall-Gran Mastru li bnieha. | |
| 7 | Villaġġ tas-sajd fix-xlokk ta' Malta mfittex mit-turisti u mill-Maltin. | |
| 8 | Il-port ewlieni t'Għawdex fejn jorbtu l-vapuri, dgħajjes tas-sajd u jottijiet. | |
| 9 | Bajja fit-tarf ta' wied fond imfittxija mit-turisti li tinsab fil-Lbiċ t'Għawdex. | |
| 10 | Port tas-sajjieda u bajja ramlija f'Għawdex b'appartamenti u ristoranti. | |

# Tmiem il-Karta